# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru 171/18 FDP**

**Elmo Insurance Limited**
**(C 3500)**

**vs**

**Francesca Fenech**
**(ID 351551M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Lulju 2018 fejn s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta

> *Thallas is-somma komplessiva ta' hames telef seba' mija hamsa u sittin ewro wiehed u hamsin centezmu (5,765.51), liema somma tirrappresenta l-ammont sborsat mis-socjeta' esponenti a favur ir-rikorrenti fi- arbitragg fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited et vs. David Charlie Philip Borg" [M2841/2011 liema proceduri gew decizi permezz ta' lodo arbitrali data 7 ta Frar 2012, in linea ta' danni, imghax, spejes gudizzjarji u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil- vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP 606.*
>
> *Gara li fl-14 ta' Marzu 2010, fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, waqt li certu David Charlie Philip Borg kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta'*

*registrazzjoni ABP 606, appartjenenti lill-intimata Francesca Fenech, u assikurata mis-socjeta' esponenti, huwa habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABR 886 proprjeta' ta' terzi*

*Fuq I-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident, is-socjeta' esponenti kellha fil-pussess taghha bizzejjed evidenza sabiex tavza kemm lill-intimata kif ukoll lis-sewwieq David Charlie Philip Borg illi kienu kisru l- kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi taghhom skond I-istess polza. Din l-inadempjenza kontrattwali taghhom giet konfermata fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestigaw l-incident de quo fejn stqarru li "David Borg was taken to GHQ for a breathalyser test and it resulted 57 mg/100ml of breath"*

*Ghaldaqstant, kemm l-intimata Francesca Fenech kif ukoll is-sewwieq David Charlie Philip Borg kienu prekluzi millijinvokaw I-istess polza sabiex jkopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi incident.*

*Ili permezz tal-ittra ufficjali taghha tat-23 ta' Awissu 2011, is-socjeta' esponenti wissiet kemm lill-intimata Francesca Fenech kif ukoll lis-sewwieq David Charlie Philip Borg bil-konsegwenzi kollha li kienu se jgarrbu minhabba l-inadempjenza kontrattwali taghhom fil-kaz li I-proceduri arbitrali istitwiti kontra s-sewwieq jigu decizi kontra tieghu una volta kienu sodisfatti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt kienu.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 2011, u bl-imghax legali b'effett mill-lum sad- data tal-effettiv pagament kontra l-intimata li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali intavolata a tenur tal-Aartikolu 166A fid 9 ta'Marzu 2016, tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid intavolati u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-morozita' fil-hlas skond il-ftehim tal-hire purchase datat 26 ta' Gunju 2014 sad-data tal-paament effettiv.*

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lill-intimat permezz ta' affissjoni fil-Kunsill Lokali San Pawl, Ghassa San Pawl u fir-residenza ta' l-intimata fis 7 ta' Novembru 2018, (fol 11 tergo), fil-Gazzetta tal-Gvern fit 13 ta' Novembru 2018 (fol 12) u fl-Orizzjoni fl-4 ta' Dicebru 2018 (fol 16).

Rat illi fis 17 ta' Jannar 2019 l-intimata msejjha diversi drabi ma deheritx u s-socjeta rikorrenti ippresentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta (fol 18).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda ma deheritx biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta rikorrenti tghid li t-talba attrici ghadha dovuta issib li t-talba tas-socjeta rikorrenti kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma komplessiva ta' **hamest elef seba' mija hamsa u sittin ewro wiehed u hamsin centezmu (5,765.51)** ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.

**Spejjez u Imghax legali kontra l-konvenuta kif mitluba fil-avviz promotur.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**